**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 158/2022 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jean Paul Attard)**

**-Vs-**

**CARMELO ZAMMIT**

**Illum, 4 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **CARMELO ZAMMIT**, iben Alfred u Helen nee' Said, residenti 7, Krall, Flat 1 Triq il-Knisja, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0238564M li ġie akkużat talli fid-9 ta' Marzu 2022 bejn is-sagħtejn ta' filgħodu (02 :00hrs) u l-erbgħa ta' filgħodu (04 :00hrs) ġewwa Déjà' Vu, Triq San Ġorġ, San Ġiljan :-

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Youssef Salem f'periklu ċar, ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema grieħi huma ta'

natura gravi skont kif iċċertifikat minn Dr Nicole Ong (MD 6391) ta' Mater Dei;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħadt parti attiva fi ġlieda aċċidentali li fiha Youssef Salem sofra offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbejt kontra Youssef Salem sabiex tinġurjah, idejjqu jew tgħamillu l-ħsara;

Din il-Qorti kienet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Youssef Salem, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza u dan ai termini tal-Artikoli 383 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat illi Youssef Salem ġie ammess bħala l-parti offiża f'dawn il-proċeduri għall-finijiet tal-Artiklu 410(5) tal-Kap. 9, fis-seduta tas-27 ta' April 2022;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Novembru 2023 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru 2023 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputata fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-akkużi fil-konfront tal-imputat nibtu minn inċident li seħħ fid-9 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tat-3.00 p.m. ġewwa l-istabbliment ossia night club bl-isem 'Deja' Vu' fejn kien involut l-imputat, li jaħdem bħala *assistant manager* u uffiċjal tas-sigurta' fl-istabbiliment, u l-parti offiża, Youssef Salem, klient li dak il-ħin kien qed jixrob fl-istabbiliment. B'riżultat ta' din il-kollutazzjoni, il-parti offiża ġarrab ġrieħi konsistenti prinċipalment fi ksur tal-għadam tal-imnieħer u tal-parti taħt għajnejh fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu, laċerazzjonijiet fuq in-naħa ta' wara ta' rasu kif ukoll tbenġil fuq wiċċu. Dawn il-ġrieħi ġew ċertifikati bħala ta' natura gravi mit-tabiba li eżaminatu ftit tal-ħin wara[1]. Youssef Salem ma xehedx f'dawn il-proċeduri għaliex telaq minn Malta u baqa' qatt ma ġie rintraċċjat.

**Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi**, senjatament mix-xhieda ta' Marco Bonnici u Florinda Santu, żewġ xhieda okulari, il-parti offiża Youssef Salem li kien qed jixrob fl-istabbiliment, kien qed isabbat fuq il-mejda u kien qed jiffastidja u jgħajjar lill-istess Florina Sandu, li kienet taħdem bħala żeffiena li jaħdmu fl-

[1] Ara xhieda Dr. Nicole Ong,

istabbiliment. Hu stabbilit li dak il-ħin kien hemm biss ftit klienti fl-istabbiliment. Il-provi juru illi meta l-imputat ra x'kien qed jiġri u mill-espressjoni fuq wiċċ Florina Sandu fehem li kienet imdejqa u kellha bżonn l-assistenza tiegħu, avviċina lil Salem u għamillu sinjal biex jara jekk kollox sew. Jirriżulta wkoll illi meta ra hekk, il-parti offiża rrabja, beda jidgħi u beda jixxuttja s-siġġijiet u l-mejda u tefa' banketta lejn l-imputat. Marco Bonnici, sid l-istabbiliment, xehed: "*Meta Karmenu mar ikellmu, dar u ċapċaplu waħda (bil-ponn) lil Karmenu mal-ewwel. ... mill-ewwel pah pah ... u mbagħad beda jgħolli l-imwejjed dan min kien...*". Ikkonferma illi d-daqqa tahielu bil-ponn u laqat lill-imputat ġo għajnejh. L-istess Florina Sandu: "*And then the bouncer he ... approached and he made me the sign if I am OK ... And then he came, he goes to this person and makes a sign like this to him ... The guy he got annoyed and start to swearing and he throwed (sic) the chairs and the table ... on the bouncer*". Din ix-xhieda hi konsistenti mal-verżjonijiet li Florina Sandu u Marco Bonnici rispettivament kienu taw lill-Pulizija dakinhar tal-inċident[2].

Fuq kollox, din il-verżjoni hija wkoll pjenament kompatibbli mal-verżjoni mogħtija mill-imputat innifsu meta ġie mitkellem mill-Pulizija biss ftit tal-ħin wara l-inċident, meta l-parti offiża kien għadu barra mal-art fit-triq, mitluf minn sensih[3]. Mix-xhieda ta' PS 1128 Glenn Sammut, PC 485 Matthew Borg, PC 1520 Liam Vella u PC 798 Manuel Rotin, li kienu kellmu lill-imputat fuq il-post u ġie osservat li kellu għajnejh "*daqs ballun*"[4], jirriżulta illi huwa kien stqarr magħhom illi waqt li kien qiegħed xogħol fl-istabbilimnet, kien ra waħda mill-ħaddiema li kienet qed tiġi intimidata minn ċertu persuna u meta mar jistaqsih jekk kienx kollox sew billi għamillu sinjal, din il-persuna qabad u ċapċaplu daqqa ta' ponn. Minħabba d-daqqa f'għajnejh ma setax jara sew iżda dan ir-raġel qabad jagħtih u mbagħad qabdu minn għonqu u kellu jimbottah biex ma jibqax iħebb għalih. Kien hemm klient ieħor fl-istabbiliment dak il-ħin, persuna ta' karnaġġjon skur li ma jafx min hu, li ġie biex jgħinu biex jaqla' lill-

---

[2] Ara rapport tal-okkorrenza NPS 8/POL/1108/2022, paġna 14 u ta' wara tal-atti tal-kawża.

[3] L-uffiċjali tal-Pulizija li raw lill-parti offiża mixħut barra fit-triq, ikoll xehdu li huwa kien jidher fi stat ta' sakra, u skont PS 1128 Glenn Sammut, Youssef Salem kien qed jiftaħ għajnejh u jerġa' joqrod mill-ewwel u kien il-ħin kollu jonħor. Dan ġie affermat mill-parti offiża nnifsu meta diversi ġranet wara l-inċident, stqarr lill-Ispettur Jean Paul Attard li dakinhar tal-inċident huwa kien fis-sakra.

[4] Ara xhieda ta' PC485 Matthew Borg. Ara wkoll xhieda ta' PC 798 Manuel Rotin.

ieħor minn fuqu u flimkien żammew lill-persuna l-oħra u ħarġuh 'il barra fit-triq[5]. Il-presenza tal-persuna l-oħra bi karnaġġjon skur u l-intervent tiegħu biex jgħin lill-imputat biex joħroġ lil Youssef Salem mill-istabbiliment, hi affermata mill-verżjoni mogħtija minn Marco Bonnici lill-Ispettur Jean Paul Attard ftit wara l-inċident[6].

Huwa minnu li l-imputat ġie mitkellem mill-uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post kif daħal ir-rapport ta' Marco Bonnici u rrilaxxa l-verżjoni tiegħu tal-fatti, **mingħajr ma ġie mwissi b'xi drittijiet legali spettanti lilu**, iżda kif xehdu PS 1128 Glenn Sammut u l-Ispettur Jean Paul Attard, sadanittant l-imputat ma kienx qiegħed jiġi meqjus bħala persuna suspettata li kkommettiet reat kriminali, iżda bħala l-vittma tal-aggressjoni, u kien Youssef Salem li kien is-suspettat aggressur. Fil-fatt, jirriżulta li Marco Bonnici, is-sid tal-istabbiliment, kien ċempel lill-Pulizija biex jirrapporta li kien hemm persuna fl-istabbiliment tiegħu li tat xebgħa lill-impjegat tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tieħu l-verżjoni tal-imputat mogħtija lill-Pulizija *a tempor vergine*, in konsiderazzjoni għall-fini li twieżen il-veraċita' u l-konsistenza tal-verżjoni tal-istess imputat.

Fl-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija fil-21 ta' Marzu 2022, l-imputat ta l-istess verżjoni ċioe' illi kien hemm persuna fl-istabbiliment li kien qed idejjaq lil waħda mill-impjegati u meta mar ħdejh sabu mixħut fuq il-bank u ra lit-tfajla imbeżża' u kienet ser tibda tibki. Dak il-ħin ra lil din il-persuna jipprova jmissilha kuxtejha u hu missu minn spalltu u staqsih jekk hux OK, iżda dar lejh, xejjer rasu, qabad il-banketti u beda jwaddabhom 'l hawn u 'l hemm u beda jgħajjar. L-imputat qallu biex joħroġ u kif qallu hekk ċapċaplu daqqa ta' ponn f'għajnejh u storda. Imbagħad minnufih il-persuna l-oħra qabdu minn għonqu u beda jħoss li ser jifga. Dak il-ħin kien hemm klient ieħor fl-istabbiliment, bil-karnaġġjon skur, li beda jgħid lill-ieħor "*leave him*". L-imputat stqarr li ma setax jara sew għaliex ħass li kien faqagħlu għajnejh u l-klient l-ieħor beda jiġbdu biex jaqla' lill-ieħor minn miegħu. Qal: "*Kif inqlajt minn miegħu waqqajtu mal-art u tant kemm kont maħsud illi kull*

---

[5] Ara speċifikatament xhieda ta' PS 1228 Glenn Sammut.
[6] Ara xhieda tal-Ispettur Jean Paul Attard, 30 ta' Mejju 2022.

*x'ħin li beda narah jipprova jqum jien bdejt naħseb li ser jerġa' jqum għalija u għalhekk ipprovajt inżommu mal-art.*" Fl-istess waqt beda jgħid lill-imgħallem tiegħu biex iċempel lill-Pulizija biex jiġu jassistuh, u flimkien mal-klient l-ieħor ħarġuh 'il barra mill-istabbiliment.

Minn dan kollu l-Qorti fehmet illi kien Youssef Salem li aggredixxa u ħebb għall-imputat billi tah daqqa ta' ponn f'għajnejh b'rejazzjoni għall-intervent tal-istess imputat biex jipprova jassisti lil Florina Sandu u meta talab lill-parti offiża jitlaq 'il barra mill-istabbiliment. Iżda mhux hekk biss: fehmet ukoll illi l-parti offiża kien qed jaġxxi u baqa' jaġixxi b'mod ferm aggressiv. Kif ġie stabbilit mill-provi, Youssef Salem beda jgħolli u jixxuttja s-siġġijiet u xi mejda kif ukoll, b'żieda mad-daqqa ta' ponn f'għajnejn l-imputat, tah daqqa ta' banketta u qabdu minn għonqu, tant illi kien jeħtieġ l-intervent u ghajnuna ta' terza persuna biex iwaqqfu milli jkompli jaggredih u biex joħorġu mill-istabbiliment.

Kif ingħad diġa', il-parti offiża ma xehedx f'dawn il-proċeduri biex jagħti l-verżjoni tiegħu dwar kif żvolġa l-inċident mal-imputat, id-dinamika tal-ġlieda u kif spiċċa ġarrab il-ġrieħi li allegatament sofra. Il-Qorti għandha quddiemha biss il-verżjoni tal-imputat u tax-xhieda okulari li affermaw din il-verzjoni fit-totalita' tagħha, iżda ma jirriżultax b'mod konklussiv kif effettivament ġew inflitti l-ġrieħi li ġarrab il-parti offiża. Madankollu, il-Qorti ma taqbilx mad-difiża illi hija mankanti l-prova illi kien l-imputat Carmelo Zammit li kkaġuna l-offiżi fuq il-parti offiża.

**Dan qed jingħad għaliex mill-kumpless tal-provi u xhieda, fejn l-imputat fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija waqt l-interrogazzjoni, iddikjara li kien imbotta lil Youssef Salem u waqqgħu mal-art kif ukoll li beda jżommu kull darba li pprova jqum, tinsilet inferenza ċara ta' fatt illi effettivament il-parti offiża ġarrab dawn il-ġrieħi waqt it-taqbida li kellu mal-imputat, u ftit hemm dubju f'moħħ il-Qorti illi l-feriti li ġarrab il-parti offiża – jew talanqas uħud minnhom - ġarrabhom tabilħaqq waqt din it-taqtigħa li seħħet bejniethom.** Fil-fatt, ma jirriżulta mkien mill-provi illi dak il-ħin kien hemm persuna jew persuni oħrajn li ġew

aggrediti minn Youssef Salem jew li kienu involuti f'taqbida miegħu, u f'ebda waqt ma ġie allegat illi l-persuna ta' karnaġġjon skur li ssemma mill-imputat fl-istqarrija tiegħu, kien aggredixxa lil Salem.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit dan, imiss li jiġi trattat l-argoment tad-difiża waqt it-trattazzjoni illi l-imputat ma jistax jinstab ħati li kkaġuna offiżi fuq Youssef Salem għaliex huwa ppruvat biss illi kien il-parti offiża li aggredixxa lill-imputat, u mhux il-kontra.

Għall-Qorti, din is-sottomissjoni għandha tiġi mistħarrġa taħt l-ottika tal-leġittima difiża għaliex jekk jirriżulta, sal-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi, illi l-offiżi subiti minn Youssef Salem waqt it-taqtigħa li kellu mal-imputat, ġew ikkaġunati għaliex l-imputat kien qed jaġixxi biex jiddefendi lilu nnifsu jew lil xi ħaddieħor, mill-aggressjoni tal-parti offiża, u jiġi ppruvat li l-feriti subiti mill-parti offiża ġew hekk inflitti għall-iskop ta' difiża leġittima, allura l-imputat jinħeles minn kull ħtija kriminali għall-offiżi li bl-azzjonijiet tiegħu seta' ġarrab il-parti offiża, Youssef Salem.  Naturalment, iridu jiġu sodisfatti l-elementi kollha meħtieġa għas-suċċess tad-difiża.

Din id-difiża hija maħsuba fl-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali :-

*Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Fi kliem sempliċi, din id-difiża tiġi ravviżata meta persuna tkun sabet ruħha wiċċ imb'wiċ ma' aggressjoni li hija inġusta u ma tkunx tista' raġjonevolment tirrikorri għal mezzi oħra biex taħrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iħarisha mill-periklu u għalhekk tispiċċa kostretta tuża mezzi hija stess

biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli, fejn ir-rejazzjoni trid tkun ukoll waħda proporzjonata għall-minaccja/aggressjoni.

Dawn it-tliet elementi ġew spjegati b'mod mill-iktar elokwenti fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[7]:-

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk* [javveraw] *ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.* "

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Allan Galea**[8], il-ħsieb tradizzjonali dwar din l-iskriminanti inbidel bid-deċiżjoni tal-Qorti fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**, li amplifikat fuq id-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta vs Frangisku Fenech** u fejn kien superjorment deċiż illi:

*"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta'*

---

[7] Qorti tal-Appell [Superjuri] 3 ta' Ottubru 2018. Ara wkoll: **Il-Pulizija vs Joseph Psaila**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995.
[8] Deċiża 14 ta' Ġunju 2018.

*jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. ...*

*...*

*Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi:* ***l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`****.*"[9] (emfasi ta' din il-Qorti)

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ kif joħorġu mill-provi, il-Qorti tqis illi huwa ppruvat sal-grad tal-probabbli li l-offiżi sofferti mill-parti offiża kienu r-riżultat ta' azzjoni ta' leġittima difiża da parti tal-imputat.

Kif diġa' ġie stabbilit, il-parti offiża sofra ġrieħi serji f'wiċċu waqt il-kollutazzjoni li kien involuta fiha l-imputat. Għalkemm mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni ma jistax jiġi stabbilit b'ċertezza liema kienet l-azzjoni li kkaġunat dawn il-feriti, jirriżulta indisktubbilment illi dawn l-offiżi segwew manifestazzjoni ta' vjolenza da parti tal-parti offiża. Kif sewwa ġie sottomess mid-difiża, huwa eskluż mill-provi illi l-aggressjoni ġiet provokata b'xi mod mill-imputat, għaliex kif rajna, ix-xhieda kollha huma konkordi li l-parti offiża kien qed jaġixxi b'mod aggressiv anke qabel l-intervent

[9] Deciza 16/10/2003.

tal-imputat, u dan billi kien qed isabbat bil-qawwa fuq il-bank tal-istabbiliment[10], jixrob u jdejjaq lil Florina Sandu kif ukoll jheddidha li jitfagħlha x-xorb fuqha.

Kif tifhimha l-Qorti, l-imputat, kif stqarr huwa stess lill-Pulizija, imbotta lil Youssef Salem u waqqgħu mal-art għaliex ġie rinfaċċjat bl-aggressjoni inġusta u gravi da parti tiegħu meta laqtu b'daqqa ta' ponn u daqqa ta' banketta għal xejn b'xejn, u meta kompla jħebb għalih billi qabdu minn għonqu u beda jifgaw. Tant hu hekk illi skont kif jirriżulta mix-xhieda, terza persuna kellha tintervjeni biex jirrilaxxah. F'ċirkostanzi bħal dawn, li jirriżultaw b'mod inkontradett mill-provi, il-Qorti hi sodisfatta illi l-imputat ma setax ma jirrejaġixxix biex jiddefendi ruħu, u l-azzjonijiet tiegħu – anke jekk dawn wasslu biex ikkaġunaw il-feriti riskonstrati - kienu maħsuba biss għad-difiża tiegħu minn iktar aggressjoni da parti ta' Youssef Salem.

Ikkunsidrat;

Illi hawnhekk il-Qorti tħoss li għandha tirribadixxi illi m'hijiex konvinta illi t-terza persuna ta' karnaġġjon skur kienet involuta fil-kollutazzjoni u li seta' kienet hi li sawtet lill-parti offiża u kkaġunatlu l-offiżi riskontrati mit-tabib Dr. Nicole Ong. Fil-fatt, kif diġa' ngħad, ebda wieħed mix-xhieda li xehdu quddiemha ma qal li ra lil din il-persuna tiġġieled mal-parti offiża jew issawtu u l-imputat innifsu stqarr li din il-persuna l-oħra, ukoll klient tal-istabbiliment, intervjena biss biex jgħinu jinqala' minn mal-parti offiża u jassistih biex joħorġu 'il barra mill-lokal, u fl-ebda waqt ma allega li kien ħebb għall-parti offiża jew kienu hu li kkaġunalu l-ġrieħi li sofra.

Dan ifisser ukoll illi r-reat taħt l-artikolu 237 tal-Kap. 9, addebitat lill-imputat fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, ma jistax jissussisti. Għas-sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova li seħħet ġlieda aċċidentali kif maħsub fl-imsemmi artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali li fiha ġiet ikkaġunata omiċidju

[10] Ara xhieda ta' Marco Bonnici li qal li l-persuna kienet qed issabbat fuq il-mejda u kienu jinstemgħu id-daqqiet.

jew offiża fuq persuna, iżda ma jinsabx min kien l-awtur tal-omiċidju jew tal-offiża. Għandu jiġi ppruvat ukoll li l-imputat ħa sehem attiv f'din il-ġlieda.

Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **The Executive Police vs. Bernard Pintaric**, l-elementi kostituttivi tar-reat taħt l-artikolu 237 huma essenzjalment (i) l-eżistenza ta' ġlieda aċċidentali, (ii) persuna li tipparteċipa attivament f'din il-glieda, (iii) nuqqas ta' għarfien dwar min attwalment huwa responsabbli ghall-offiżi gravi li jiġu kkaġunati, sew jekk l-offiżi jkunu jwasslu għall-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 kif ukoll jekk ma jwasslux għal dawn il-konsegwenzi, u (iv) il-*mens rea* li jikkommetti r-reat.

Kwantu għall-ewwel element, jiġi osservat illi l-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali ma jagħti ebda definizzjoni tal-ġlieda accidentali illi evidentement huwa wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat. Il-verżjoni Ingliża tal-Kodici tuża l-kelma '*accidental affray*'. In propositu l-Antolisei jgħid hekk:-

*"Per l'esistenza della rissa, non basta basta un semplice alterco fra piu' persone: occorre che vi siano una mischia violenta con vie di fatto. Per quanto nomalmente essa si concreti in una collutazione, il corpo a corpo non e' indispensabile, potendosi la zuffa svolgere a distanza, mediante lancio di sassi, colpi di rivoltella, ecc. Non si essige un effettivo turbamento dell'ordine pubblico. Si discute sul numero minimo di persone indispensabili per l'esistenza di questo delitto, il quale senza alcun dubbio appartiene alla larga categoria dei reati plurisoggettivi. Alcuni autori ritengono che siano sufficienti due persone e in questo senso si e' pronunciata varie volte la Cassazione. A nostro avviso, pero', e' preferibile l'opinione di quegli scrittori che considerano la partecipazione di almeno tre persone."*[11]

Il-Qorti taqbel mal-Antolisei u temmen li ġlieda aċċidentali - li waħda mill-elementi kostituttivi tagħha hu proprju l-fatt li l-awtur tal-offiżi subiti mill-vittma ma jkunx magħruf - ma tistax tissussisti bil-parteċipazzjoni ta' żewġ persuni biss, ċioe' l-vittma u persuna oħra għaliex f'dik l-eventwalita' l-identita' tal-awtur tal-offiżi tkun ovvja.

---

[11] Antolisei F. *Manuale di Diritto Speciale Parte Speciale* – 1 pagina 107.

Kif rajna, it-terza persuna, klient ieħor li kien fl-istabbiliment fil-waqt tal-argoment bejn il-parti offiża u l-imputat, ma jirriżultax li kien parteċipi fil-kollutazzjoni u li f'xi waqt kien qed jiġġieled u għalhekk ma jistax jitqies li ħa sehem attiv fil-ġlieda u seta' kkaġuna hu stess l-offiżi li ġarrab il-parti offiża.

Għaldaqstant, ma tistax tinsab ħtija fl-imputat għar-reat taħt l-artikolu 237 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi hija temmen il-verżjoni tal-imputat kif korroborata mit-testimonjanza u verżjonijiet mogħtija *a tempor vergine* mix-xhieda okulari u fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, tqisha bħala raġjonevoli u ppruvata sal-grad tal-probabbli. Hi għalhekk sodisfatta li f'din it-taqbida l-imputat aġixxa għad-difiża leġittima tiegħu meta ġie rinfaċċjat bl-aggressjoni inġusta tal-parti offiża li attakkah b'daqqa ta' ponn u banketta u kien qed iżommu minn għonqu u kkaġunalu trawma f'għajnejh li dak il-ħin ħassritlu l-vista u stordietu[12]. Hija sodisfatta wkoll li jekk l-imputat bl-azzjonijiet tiegħu ikkaġuna l-ġrieħi riskontrati f'wiċċ il-parti offiża, dan għamlu, evidentement, f'waqt meta kien qed jipprova jevita l-perikolu gravi, attwali u inevitabbli fis-sens imfisser mill-ġurisprudenza l-iktar reċenti, li kien qed jiġi ppreżentat mill-azzjonijiet vjolenti tal-istess parti offiża, u dan billi pprova jinqala' minn mal-parti offiża li kien qabdu minn għonqu, u pprova wkoll joħroġ lill-parti offiża mill-istabbiliment.

Fir-rigward ġie ritenut li:-

"*Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi*

[12] Ara ritratti esebiti minn Eric Chatlan, Dok. EC1 u Dok. EC2, li fihom jidher it-trawma u tbenġil ikkaġunat f'għajnejn l-imputat u xhieda ta' Dr. Josef Mifsud, 9 ta' Marzu 2023.

*applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.*"[13]

Magħdud dan il-fatt illi ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li juri illi r-rejazzjoni tal-imputat ma kienetx proporzjonata. Anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-imputat seta' jekk ried, jitlaq minn fuq il-post – ipotesi li l-Qorti ma taqbilx li huwa rejalistiku fiċ-ċirkostanzi għaliex kollox juri illi kien qed jiġi aggredit mill-parti offiża b'daqqa bil-ponn u b'banketta u billi kien qed jinżamm minn għonqu - il-Qorti ma tirravviża xejn eċċessiv jew irraġjonevoli fid-deċiżjoni tiegħu li jwettaq xi atti difensjonali (fosthom li waqqa' lill-parti offiża mal-art u żammu biex ma jerġax iqum għalih) li setgħu ikkaġunaw l-offiżi fuq il-persuna tal-aggressur tiegħu, minflok jitlaq minn fuq il-post.

Għaldaqstant, hija tal-fehma li l-elementi kollha meħtieġa għas-suċċess tal-iskriminanti tal-leġittima difiża huma sodisfatti f'dan il-każ u konsegwentement, billi dan ifisser li l-imputat ma kkommetta l-ebda reat, m'hemmx bżonn ta' indaġni ulterjuri dwar in-natura tal-offiżi kkaġunati lil Youssef Salem f'din it-taqtigħa.

Ukoll, peress li kif appena ġie stabbilit, l-imputat aġixxa għad-difiża leġittima tiegħu meta kkaġuna l-offiżi fuq il-persuna tal-parti offiża, ma jistax jinstab ħati lanqas li ħebb kontra l-istess Youssef Salem biex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu l-ħsara. F'kull każ, m'hemm xejn fil-provi li juri li l-imputat ħebb għall-parti offiża: għall-kuntrarju, kollox juri li kien l-istess parti offiża li ħebb għall-imputat. Għaldaqstant, mhux sejjer jinstab ħtija għat-tielet imputazzjoni taħt l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9.

---

[13] **Il-Pulizija v. Jonathan Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru 2020. Il-Qorti qalet ukoll: *"Il-Qorti hija tal-fehma fil-kwadru tal-fatti kif imresqa li fil-fatt l-appellant verament agixxa in legittima difesa tieghu u dan ghaliex rinfaccjat b'dik is-sitwazzjoni fejn l-parte leza l-ewwwel kienet ser itajjru, imbaghad baqghet isegwih idoqq il-horn, imbaghad tarah jinzel mill-vettura tieghu u jitla' it-tarag ghas-sodisfazzjoni tieghu meta huwa ma kien ghamillu xejn salv li ghamilu xi mossi biex jattiralu l-attensjoni tieghu ghas-sewqan tieghu. Jirrizulta li kien qed ighajjat joffendih u kelmu hazin u jaghmel il-ponn u dan l-agir ghalhekk ma halla l-ebda tirq ohra lill-appellant li kien fuq saqajgh li jimbutta lil parte civile l-isfel 'l hemm sabiex ma jkomplix bl-aggressjoni tieghu u jipprotegi l-persuna tieghu."* Kunsiderazzjonijiet li jsibu riskontru pjen ukoll fil-fattispeċje tal-każ in diżamina wkoll.

**Għal dawn il-motivi kollha, ma ssibx lil CARMELO ŻAMMIT ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**